Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,804, 15 ta' Ġunju, 1999
Taqsima B

A.L. 102 ta' l-1999

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Statut biex jemenda l-Istatut 3 (Emenda Nru. 12) ta' l-Universita' ta' Malta - Korsijiet ta' Studji, Gradi u Distinzjonijiet

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 30 (5) u 31 (6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Universita' ta' Malta ppromulga dan l-istatut magħmul mill-Kunsill ta' l-Universita' ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 31, 33 u 48(3) ta' dak l-Att:

Titolu

1. Dan l-istatut jista' jissejjaħ l-Istatut biex jemenda l-Istatut 3 (Emenda Nru. 12) ta' l-Universita ta' Malta - Korsijiet ta' Studji, Gradi u Distinzjonijiet - u għandu jinqara u jinftiehem bħala ħaġa waħda ma' l-istatut ta' l-Universita' ta' Malta mdaħħal fl-Iskeda II ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), li minn hawn 'il quddiem jissejjaħ "l-istatut prinċipali".

Applikabilita'

2. Dan l-istatut għandu japplika minn Ottubru 1998 'il quddiem.

Emenda għall-istatut 3.2 ta' l-istatut prinċipali

3. Minflok il-paragrafu 2 ta' l-istatut 3.2 ta' l-istatut prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"2. Kandidat ikun eliġibbli biex jingħata grad jew diploma biss wara li r-Rettur jiċċertifika li l-kundizzjonijiet kollha preskritti mill-istatuti, mir-regolamenti u mill-ordinamenti relevanti għal dak il-grad jew għal dik id-diploma jkunu ġew sodisfatti u sakemm l-obbligi u r-responsabiltajiet l-oħra kollha tal-kandidat lejn l-Universita' ġew sodisfatti wkoll."